

Brussell, 6 ta' Marzu 2019
(OR. en)

6842/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0202(COD)

SOC 161
ECOFIN 238
FSTR 34
COMPET 208
FIN 173
IA 78
CODEC 521
CADREFIN 115

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	6596/19
Nru dok. Cion:	9701/18 - COM(2018) 380 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) <i>- Approċċ ġenerali parzjali</i>

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-30 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (dok. 9701/18 + ADD 1)

2. Skont il-proposta, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġġedded bħala strument speċjali li jippermetti lill-Unjoni tirreaġixxi għal ċirkostanzi mhux previsti. Bħalma sar qabel, il-finanzjament mill-FEG jintuża sabiex jittejbu l-ħiliet u l-impjegabbiltà tal-ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieġ tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jirċievu appoġġ mill-FEG f'każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija. Il-proposta tinkludi livell limitu ġdid u aktar baxx ta' 250 ħaddiem li nġhataw is-sensja biex każ ikun eliġibbli. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li testendi l-ambitu ta' dan l-istrument billi tirrikonoxxi raġunijiet addizzjonali biex ir-ristrutturar ikun eliġibbli għal sostenn. Huwa propost ukoll li r-rata ta' kofinanzjament tal-FEG tiġi allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ għal Stat Membru partikolari, filwaqt li ma tkunx inqas minn 60 %.
3. Ir-Regolament propost huwa parti mill-pakkett ta' proposti marbut mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 (QFP) u għalhekk huwa dipendenti fuq l-eżitu tan-negożjati orizzontali dwar il-QFP. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ser jiddeċiedi dwar il-kwistjoni ta' prinċipju ta' jekk il-FEG u l-għanijiet tiegħu għandhomx jitkomplew fil-format propost. L-Approċċ Ġenerali parzjali, jekk approvat, ser ikun soġġett għal dik id-deċiżjoni sussegwenti.
4. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet kollha li jinsabu f'dan l-istrument li għandhom implikazzjonijiet baġitarji jew huma ta' natura orizzontali twarrbu -- u b'hekk ġew esklużi mill-Approċċ Ġenerali Parzjali fil-mira -- sakemm isir aktar progress fil-QFP. Dawn id-dispożizzjonijiet, li jidhru bejn parentesi kwadri fit-test, jikkonċernaw:
 - ġestjoni finanzjarja tajba u l-istat tad-dritt (Premessa 35),
 - mira globali ta' 25 % tal-infiq baġitarju tal-UE b'appoġġ għall-għanijiet klimatiċi, f'konformità mal-impenji tal-UE taħt il-Ftehim ta' Pariġi, u fil-kuntest tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (Premessa 37),
 - il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni (Premessa 33 u Premessa 34), f'konformità mal-QFP rilevanti 2021 - 2027, id-dokument 5146/19 u d-deċiżjoni sussegwenti mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti,

- referenza għad-diġitalizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni (l-Artikolu 3 il-paragrafu 2), biex tiġi żgurata koerenza mad-dispożizzjonijiet fil-punt 11 tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar tal-QFP 2021 - 2027 li jinsab fid-dokument 14759/18.
- 5. Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) tal-Parlament Ewropew approva r-Rapport dwar il-proposta fis-27 ta' Novembru 2018, u l-Parlament Ewropew adotta l-ewwel qari tiegħu tal-mandat ta' negożjar fis-16 ta' Jannar 2019.
- 6. Il-Kumitat tar-Regġuni adotta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2018 u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2019.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

- 7. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali eżamina l-proposta tal-Kummissjoni f'għadd ta' laqgħat bejn Lulju 2018 u Frar 2019.
- 8. Taħt il-Presidenza Awstrijaka nkiseb progress konsiderevoli fid-diskussjoni. L-elementi ewlenin tat-test ta' kompromess li jistgħu jiġu appoġġati mill-maġġoranza tad-delegazzjonijiet f'dak l-istadju, huma stabbiliti fid-dokument 12835/18. Fis-6 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill EPSCO ħa nota tar-Rapport ta' Progress kif jinsab fid-dokument 14246/18.
- 9. Fid-dawl ta' aktar diskussjonijiet fil-livell ta' Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza Rumena għamlet għadd ta' emendi addizzjonali kif stabbiliti fid-dokument 6596/19. Fis-27 ta' Frar 2019 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva dan il-pakkett ta' kompromess mingħajr ebda tibdil u qabel li jippreżentah lill-Kunsill bil-ħsieb li jintlaħaq Approċċ Ġenerali Parzjali.

III. KONKLUŻJONI

F'dan l-isfond, il-Kunsill huwa mistieden jilħaq Approċċ Ġenerali Parzjali dwar it-test kif stabbiliti fl-Anness għal dan id-dokument fil-laqgħa tiegħu ftal-15 ta' Marzu 2019.

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,¹

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,²

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

- (1) Fl-implimentazzjoni tal-Fondi jenħtieġ li jiġu rispettati l-prinċipji orizzontali kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u fl-Artikolu 10 TFUE, inkluż il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità kif stabbiliti fl-Artikolu 5 TUE, filwaqt li titqies il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jimmiraw li jeliminaw l-inugwaljanzi u jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jintegraw il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll jiġġieldu d-diskriminazzjoni msejsa fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Jenħtieġ li l-għanijiet tal-Fondi jiġu segwiti fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli u tal-promozzjoni mill-Unjoni tal-għan li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreżervata, imħarsa u mtejbja kif stabbilit fl-Artikoli 11 u 191(1) TFUE, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.
- (2) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali³ ġie pproklammat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. Filwaqt li jitqiesu r-realtajiet li qed jinbidlu tad-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun lesta għall-isfidi attwali u futuri tal-globalizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni, billi tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u billi ttejjeb il-politiki tal-impjieg u dawk soċjali. L-għoxrin prinċipju ewlieni tal-Pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jaġixxi bħala qafas gwida ġenerali tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), li jippermetti lill-Unjoni tistabbilixxi l-prinċipji fil-prattika fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija.

³ https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights_en.

- (3) Fl-20 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill approva t-tweġiba tal-Unjoni⁴ għall-"Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU"⁵ — futur Ewropew sostenibbli. Il-Kunsill enfasizza l-importanza tal-kisba tal-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet (ekonomika, soċjali u ambjentali), b'mod bilanċjat u integrat. Huwa essenzjali li l-iżvilupp sostenibbli jiġi integrat fil-qasam ta' politika tal-Unjoni, u li l-Unjoni tkun ambizzjuża fil-politiki li tuża biex tindirizza l-isfidi globali. Il-Kunsill laqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli" tat-22 ta' Novembru 2016 bħala l-ewwel pass fl-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u fl-applikazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli bħala prinċipju gwida essenzjali għall-politiki kollha tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istrumenti ta' finanzjament tagħha.
- (4) Fi Frar 2018, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti rżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020"⁶. Il-Komunikazzjoni tenfasizza li jenħtieġ li l-baġit tal-Unjoni jappoġġa l-ekonomija soċjali tas-suq unika tal-Ewropa. Għalhekk, ser ikun importanti ħafna li jitjiebu l-opportunitajiet ta' xogħol u li jiġu indirizzati l-isfidi tal-ħiliet, speċjalment dawk marbutin mad-diġitalizzazzjoni. Il-flessibbiltà baġitarja jenħtieġ li tkun prinċipju ewlieni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà jenħtieġ li jibqgħu fis-seħħ sabiex jippermettu lill-Unjoni tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti, u sabiex jiżguraw li r-riżorsi baġitarji jintużaw fejn ikun hemm l-aktar bżonn urġenti.
- (5) Fil-"White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa"⁷, il-Kummissjoni tesprimi tħassib dwar il-movimenti ta' iżolazzjoni, dubji li jkomplu jikbru dwar il-benefiċċji tal-kummerċ miftuħ u l-ekonomija soċjali tas-suq tal-Unjoni b'mod ġenerali.

⁴ <http://eu-un.europa.eu/eu-response-2030-agenda-sustainable-development-sustainable-european-future/>.

⁵ <https://sustainabledevelopment.un.org/post2015/transformingourworld>.

⁶ https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/communication-new-modern-multiannual-financial-framework_en.pdf

⁷ https://ec.europa.eu/commission/white-paper-future-europe-reflections-and-scenarios-eu27_en.

- (6) Fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar l-immaniġġar tal-globalizzazzjoni"⁸, il-Kummissjoni tidentifika l-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ flimkien mal-bidla teknoloġika bħala l-ixprunaturi ewlenin għaż-żieda fid-domanda għal ħiliet speċjalizzati u għat-tnaqqis fin-numru ta' impjieg li jeħtieġu livell aktar baxx ta' kwalifiki. Minkejja l-vantaġġi kbar ġenerali ta' kummerċ aktar miftuħ u aktar integrazzjoni tal-ekonomiji dinjija, dawn l-effetti negattivi jenħtieġ li jiġu indirizzati. Peress li l-benefiċċji attwali tal-globalizzazzjoni diġà mhumiex imqassma b'mod ugwali fost in-nies u r-reġjuni, li jikkawża impatt sinifikanti fuq dawk li huma affettwati ħażin, hemm il-periklu li l-avvanzi teknoloġiċi li qed jevolvu b'ritmu rapidu ser ikomplu jħeġġu dawn l-effetti. Għalhekk, b'konformità mal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' sostenibbiltà, ser ikun jenħtieġ li jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni jiġu kondiviżi b'mod aktar ġust billi l-ftuħ ekonomiku u l-avvanz teknoloġiku jiġu rrikonċiljati mal-protezzjoni soċjali.
- (7) Fid-"Dokument ta' riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE"⁹, il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu d-diverġenzi ekonomiċi u soċjali bejn l-Istati membri u fihom. Għalhekk, il-prijorità ewlenija hija li jsir investiment fl-ugwaljanza, fl-inklużjoni soċjali, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ kif ukoll fis-saħħa.

⁸ https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-harnessing-globalisation_en.

⁹ https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-future-eu-finances_en.

- (8) Il-globalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika aktarx ser ikompli jżidu l-interkonnnettività u l-interdipendenza tal-ekonomiji tad-dinja. Ir-riallokazzjoni tax-xogħol hija parti integrali u inevitabli ta' tali bidla ekonomika. Jekk il-benefiċċji tal-bidla jitqassmu b'mod ġust, l-ġhoti ta' assistenza lil ħaddiema spostati u lil dawk mhedda bl-ispostament huwa ta' importanza kbira. Il-"Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar"¹⁰, huwa l-istrument ta' politika tal-UE li jstabbilixxi l-qafas tal-aħjar Prattiki biex jiġi antiċipat u indirizzat ir-ristrutturar korporattiv. Dan joffri qafas komprensiv dwar kif l-isfidi ta' aġġustament ekonomiku u ta' ristrutturar u l-impatt soċjali u l-impatt fuq l-impjeg tagħhom jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mezzi ta' politika adegwati. Dan jistieden ukoll lill-Istati Membri jużaw finanzjament tal-UE u nazzjonali b'tali mod li jiżguraw li l-impatt soċjali tar-ristrutturar, speċjalment l-effetti negattivi fuq l-impjeg, ikunu jistgħu jittaffew b'mod aktar effettiv. L-istrumenti ewlenin tal-Unjoni li jassistu lill-ħaddiema affettwati huma l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), li huwa maħsub biex joffri assistenza b'mod antiċipatorju, u l-FEG li huwa maħsub biex joffri assistenza fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija b'mod reattiv.
- (9) Il-FEG ġie stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ għall-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. Il-FEG ġie stabbilit biex jippermetti lill-Unjoni turi solidarjetà mal-ħaddiema li tilfu l-impjegi tagħhom b'risultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni.

¹⁰ KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar, (COM(2013)882 final, 13.12.2013).

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1).

- (10) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ġie estiż fl-2009 bir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² bħala parti mill-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku biex jinkludi l-ħaddiema li tilfu l-impjieg tagħhom bħala konsegwenza diretta tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (11) Għat-tul tal-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³, estenda l-kamp ta' applikazzjoni biex ma jkoprix biss l-ispostamenti tal-impjegi li jirriżultaw minn taqlib ekonomiku serju kkawżat minn kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009, iżda wkoll minn kwalunkwe kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill emenda r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 biex jintroduċi, fost l-oħrajn, regoli li jippermettu lill-FEG biex eċċezzjonalment ikopri applikazzjonijiet kollettivi li jinvolvu SMEs li jinsabu f'reġjun wieħed u joperaw f'setturi ekonomiċi differenti definiti fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2, fejn l-Istat Membru applikant juri li l-SMEs huma t-tip ewlieni ta' negozju f'dak ir-reġjun, jew l-uniku wieħed fih.

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26).

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

- (12) Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-FEG biex tivvaluta kif u kemm il-FEG jilħaq l-għanijiet tiegħu. Il-FEG wera li huwa effettiv, u jilħaq rata ta' riintegrazzjoni oġhla ta' ħaddiema spostati milli fil-perjodu ta' programmar preċedenti. L-evalwazzjoni sabet ukoll li l-FEG iġġenera valur miżjud Ewropew. Dan huwa partikolarment minnu fit-termini tal-effetti tal-volum tiegħu, li jfisser li l-assistenza mill-FEG mhux biss iżid in-numru u l-varjetà ta' servizzi offruti, iżda anki l-livell ta' intensità tagħhom. Barra minn hekk, interventi tal-FEG ikollhom viżibbiltà għolja u juru l-valur miżjud tal-UE tal-intervent direttament lill-pubbliku ġenerali. Madankollu, ġew identifikati diversi sfidi. Min-naħa l-waħda, il-proċedura tal-mobilizzazzjoni għet meqjusa bħala twila wisq. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri rrappurtaw problemi biex jiġbru l-analiżi estensiva tal-kuntest li fih seħħ l-avveniment li wassal għas-sensji. Ir-raġuni prinċipali li żżomm lill-Istati Membri li kieku kien ikollhom każ potenzjali tal-FEG milli japplikaw huma problemi finanzjarji u ta' kapaċità istituzzjonali. Minn banda, dan jista' jkun biss nuqqas ta' ħaddiema; bħalissa l-Istati Membri jistgħu jitolbu għal assistenza teknika biss jekk dawn jimplementaw każ tal-FEG. Billi s-sensji jistgħu jseħħu bla mistenni, ikun importanti li l-Istati Membri jkunu lesti biex jirreaġixxu immedjatament u jkunu jistgħu jissottomettu applikazzjoni mingħajr ebda dewmien. Barra minn hekk, f'ċerti Stati Membri, jidher li jenħtieġu sforzi iktar profondi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali biex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-każijiet tal-FEG. Il-limitu ta' 500 impjeg spostat kien ġie kkritikat bħala għoli wisq, speċjalment f'reġjuni inqas popolati¹⁴.

¹⁴ COM (2018) 297 final u SWD (2018) 192 final li jakkumpanjah.

- (13) Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza kontinwa tar-rwol tal-FEG bħala fond flessibbli li jappoġġa lill-ħaddiema li jtilfu l-impjiegi tagħhom f'avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira u li jgħinhom isibu impjieg ieħor malajr kemm jista' jkun. Jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tipprowdi, appoġġ speċifiku ta' darba biex tkun iffaċilitata r-riintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema spostati f'oqsma, f'setturi, f'territorji jew fi swieq tax-xogħol li jkunu qed ibatu minn xokk ta' taqlib ekonomiku serju. Meta titqies l-interazzjoni u l-effetti reċiproċi tal-kummerċ miftuħ, l-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji bħall-iskossi ekonomiċi asimetriċi, il-bidla teknoloġika, l-iżviluppi ġeopolitiċi, jew fatturi oħra bħat-transizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, u għalhekk meta jitqies il-fatt li qed isir dejjem aktar diffiċli biex jiġi individwat fattur speċifiku li jikkawża l-ispostamenti tal-impjiegi, fil-futur jenħtieġ li l-mobilizzazzjoni tal-FEG tkun ibbażata biss fuq l-impatt sinifikanti ta' avveniment ta' ristrutturar. Fid-dawl tal-għan tiegħu, li huwa li jipprovdi appoġġ f'sitwazzjonijiet urġenti u f'ċirkostanzi mhux mistennija, filwaqt li jikkumplimenta assistenza iktar antiċipatorja offruta mill-FSE+, jenħtieġ li l-FEG jibqa' strument flessibbli u speċjali barra mil-limiti massimi baġitarji tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" u l-anness tiegħu¹⁵.
- (14) Kif intqal, sabiex tinżamm in-natura Ewropea tal-FEG, jenħtieġ li tiskatta applikazzjoni għal appoġġ meta avveniment ta' ristrutturar kbir mhux mistenni jikkawża impatt sinifikanti fuq l-ekonomija lokali jew reġjonali. Tali impatt jenħtieġ li jiġi ddefinit b'numru minimu ta' spostamenti tal-impjiegi f'perjodu speċifiku ta' referenza. Filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu, jenħtieġ li l-limitu jiġi stabbilit għal 250 spostament ta' impjieg fi żmien perjodu ta' referenza ta' erba' xhur (jew 6 xhur f'każijiet settorjali). Filwaqt li jitqies il-fatt li l-mewġ ta' sensji f'setturi differenti, iżda fl-istess reġjun ikollhom impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol lokali, jenħtieġ li jkunu possibbli wkoll applikazzjonijiet reġjonali. Fi swieq tax-xogħol żgħar, bħal Stati Membri żgħar jew reġjuni remoti, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmija fl-Artikolu 349 TFUE, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi fil-każ ta' numru inqas ta' spostamenti tal-impjiegi.

¹⁵ SWD (2018) 171 final tal-Kummissjoni u l-anness tiegħu COM (2018) 321 final.

- (14a) (ġdid) Il-FEG, bħala fond imfassal għal avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, ma jistax jiġi mmobilizzat f'każijiet ta' sensji fis-settur pubbliku, li jkunu l-konsegwenza ta' tnaqqis baġitarju. Madankollu, jenħtieġ li l-FEG ikun jista' jappoġġa ħaddiema spostati minn intrapriżi attivi f'suq kompetittiv, li jipprovdu servizzi jew jikkonsenjaw prodotti lil entitajiet iffinanzjati pubblikament affettwati minn tnaqqis baġitarju. Jista' wkoll jappoġġa lil persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet bħala riżultat tat-tnaqqis baġitarju.
- (15) Sabiex tintwera s-solidarjetà tal-Unjoni lejn persuni qiegħda, ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG bħala fond reattiv jenħtieġ li tkun allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ bħala fond proattiv, fl-Istat Membru kkonċernat rispettiv, filwaqt li fi kwalunkwe każ ma tkunx inqas minn 60 %.
- (16) Jenħtieġ li parti mill-baġit tal-Unjoni allokata għall-FEG tiġi implimentata mill-Kummissjoni permezz ta' ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri skont it-tifsira tar-Regolament (UE, Euratom) [numru tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ (ir-"Regolament Finanzjarju"). Għaldaqstant, meta jimplimentaw il-FEG b'ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati jirrispettaw il-prinċipji msemmija fir-Regolament Finanzjarju, bħal ġestjoni finanzjarja soda, trasparenza u nondiskriminazzjoni.
- (17) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tal-Bidla, li huwa bbażat fil-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) f'Dublin, jagħti assistenza lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'analiżijiet kwalitattivi u kwantitattivi sabiex jgħin fil-valutazzjoni tat-tendenzi tal-globalizzazzjoni, tar-ristrutturar u tal-użu tal-FEG.
- (18) Il-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet jenħtieġ li jkollhom aċċess ugwali għall-FEG, ikun xi jkun it-tip ta' kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg tagħhom. Għalhekk, ħaddiema spostati kif ukoll il-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet jenħtieġ li jitqiesu bħala benefiċjarji tal-FEG possibbli għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

¹⁶ ĠU L [...], [...], p. [...].

- (19) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG jenħtieġ li jiffokaw prinċipalment fuq miżuri attivi tas-suq tax-xogħol immirati lejn ir-riintegrazzjoni rapida tal-benefiċjarji f'impjieġ sostenibbli, fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu. Jenħtieġ li l-miżuri jirriflettu l-ħtiġijiet mistennija fis-suq tax-xogħol lokali jew reġjonali. Madankollu, kull meta jkun rilevanti, jenħtieġ li tkun appoġġata wkoll il-mobbiltà tal-ħaddiema spostati biex isibu impjieġ ġdid xi mkien ieħor. Jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali. L-inklużjoni ta' allowances ta' flus f'pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jenħtieġ li tkun ristretta. Il-kumpaniji jistgħu jiġu mħeġġa biex jipparteċipaw fil-kofinanzjament nazzjonali għall-miżuri li huma appoġġati mill-FEG.
- (20) Meta jkunu qed jistabbilixxu l-pakkett ikkoordinat tal-miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, jenħtieġ li l-Istati Membri jiffavorixxu miżuri li jkunu ser jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-impjegabbiltà tal-benefiċjarji. Jenħtieġ li l-Istati Membri jħabirku għar-riintegrazzjoni f'impjieġ sostenibbli tal-akbar numru possibbli ta' benefiċjarji li jipparteċipaw f'dawn il-miżuri kemm jista' jkun malajr fi żmien sitt xhur wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni.
- (21) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-benefiċjarji żvantaġġati, inkluż iż-żgħażaġh qiegħda u dawk li huma aktar kbar fl-età kif ukoll dawk li jinsabu f'riskju ta' faqar, meta jkunu qed ifasslu l-pakkett ikkoordinat ta' miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol, peress li dawk il-gruppi jesperjenzaw problemi partikolari biex jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Minkejja dan, il-prinċipji tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tan-nondiskriminazzjoni, li huma fost il-valuri ewlenin tal-Unjoni u li jinsabu minquxa fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jenħtieġ li jiġu rrispettati u promossi meta jkun qed jiġi implimentat il-FEG.
- (22) Sabiex il-benefiċjarji jiġu appoġġati b'mod effettiv u rapidu, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu hilitom kollha sabiex jissottomettu applikazzjonijiet kompluti għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG. F'każ li l-Kummissjoni teħtieġ aktar informazzjoni għall-valutazzjoni ta' applikazzjoni, jenħtieġ li l-għoti tal-informazzjoni addizzjonali jkun limitat fiż-żmien.

- (23) Fl-interess tal-benefiċjarji u tal-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri, jenħtieġ li l-Istati Membri applikanti jżommu lill-atturi kollha li huma involuti fil-proċess tal-applikazzjoni mgħarrfa bil-progress tal-applikazzjoni.
- (24) F'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG ma jissostitwixxux il-miżuri ta' appoġġ li huma disponibbli għall-benefiċjarji fil-fondi tal-Unjoni jew fil-politiki jew il-programmi l-oħra tal-Unjoni, iżda jenħtieġ li, fejn possibbli, jikkomplementawhom.
- (25) Jenħtieġ li jiġu inklużi dispożizzjonijiet speċjali għal attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni fuq każijiet tal-FEG u r-riżultati tagħhom.
- (26) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li n-nefqa tkun eliġibbli jew mid-data li fiha Stat Membru jibda jipprovi servizzi personalizzati jew mid-data li fiha Stat Membru jġarrab nefqa amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-FEG.
- (27) Sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet li jinqalgħu b'mod speċjali matul l-ewwel xhur ta' kull sena, fejn il-possibilitajiet għal trasferimenti minn linji baġitarji oħra jkunu partikolarment diffiċli, jenħtieġ li jkun disponibbli ammont adegwat ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-linja baġitarja tal-FEG fil-proċedura baġitarja annwali.
- (28) [Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' [data futura] dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet tal-baġit u dwar ġestjoni finanzjarja soda¹⁷ ("il-Ftehim Interistituzzjonali") jiddeterminaw il-qafas baġitarju tal-FEG].

¹⁷ [Għandha tiġi aġġornata r-referenza.](#)

- (29) Fl-interess tal-benefiċjarji, jenħtieġ li l-assistenza ssir disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-FEG jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex jitnaqqas iż-żmien tal-ipproċessar u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni rapida u bla xkiel tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG. Għalhekk, fil-futur jenħtieġ li l-Awtorità Baġitarja tiddeċiedi fuq it-talbiet għal trasferiment sottomessi mill-Kummissjoni, li ma jeħtieġx Proposta tal-Kummissjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG.
- (30) Fil-każ li xi intrapriża tagħlaq, il-ħaddiema spostati jistgħu jiġu meġġuna jieħdu f'idejhom xi wħud mill-attivitajiet jew l-attivitajiet kollha ta' min kien iħaddimhom qabel.
- (31) Sabiex jippermettu skrutinju politiku mill-Parlament Ewropew u monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni tar-riżultati miksuba bl-assistenza tal-FEG, jenħtieġ li l-Istati Membri jissottomettu rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-FEG.
- (32) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja u għall-ġestjoni u l-kontroll tal-azzjonijiet appoġġati mill-finanzjament tal-Unjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament Finanzjarju")¹⁸ jew ir-Regolament suċċessur tiegħu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġġustifikaw l-użu li jkun sar mill-kontribuzzjoni finanzjarja li jkunu rċevew mill-FEG. Minħabba l-perjodu ta' implimentazzjoni qasir tal-operazzjonijiet tal-FEG, jenħtieġ li l-obbligi ta' rapportar jirriflettu n-natura partikolari tal-interventi tal-FEG.

¹⁸ Għandha tiġi aġġornata r-referenza.

(33) [Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevjenu, jidentifikaw u jindirizzaw b'mod effettiv ukoll kwalunkwe irregolarità, inkluż frodi mwettqa mill-benefiċjarji. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95²⁰ u r-Regolament tal-Kunsill Nru 2185/96²¹, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939²², l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") jista' jinvestiga u jressaq għal prosekuzzjoni reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar is-sejba ta' irregolaritajiet, inkluża l-frodi, u dwar is-segwitu tagħhom, kif ukoll dwar is-segwitu tal-investigazzjonijiet tal-OLAF.]

¹⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

²⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

²¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

²² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

²³ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

- (34) [F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴ ("ir-Regolament Finanzjarju"), ir-Regolament (UE Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95²⁶, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96²⁷ u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939²⁸, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, bil-ħsieb li jstabilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") jista' jinvestiga u jressaq għal prosekuzzjoni reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹.

²⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) No 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

²⁵ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

²⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

²⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

²⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

²⁹ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni għandha tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939 u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.]

- (35) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premju, implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu verifiki dwar ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. [Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u effettiva tal-fondi tal-UE.]
- (36) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tas-13 ta' April 2016, hemm il-ħtieġa li dan il-programm jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi tal-monitoraġġ, filwaqt li tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Fejn xieraq, dawn ir-rekwiżiti jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fuq il-post.
- (37) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm ser jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u biex tinkiseb il-mira ġenerali li [25 %] tan-nefqa tal-baġit tal-UE tappoġġa l-għanijiet tal-klima. Matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-fond, ser jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u ser jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni tiegħu.

- (38) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (39) Meta jitqies il-fatt li t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tirrikjedi ċertu livell ta' kompetenza diġitali tal-forza tax-xogħol, it-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era diġitali jenħtieġ li jkun element orizzontali rakkomandat bil-qawwa ta' kwalunkwe pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati offruti.

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għall-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

Huwa jstipula l-għanijiet tal-FEG, il-forom tal-finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament, inkluż l-applikazzjonijiet mill-Istati Membri għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għal miżuri mmirati lejn il-benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 7.

Artikolu 2

Missjoni

Il-FEG għandu jikkontribwixxi għal distribuzzjoni aħjar tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni u tal-avanz teknoloġiku billi jgħin lill-ħaddiema spostati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet jadattaw għal bidla strutturali. Bħala tali, il-FEG għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ddefiniti skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u ekonomika fost ir-reġjuni u l-Istati Membri.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni u għanijiet

1. Il-FEG għandu joffri appoġġ lill-ħaddiema spostati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet matul avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, kif imsemmi fl-Artikolu 5.
2. L-għanijiet tal-FEG huma li tintwera s-solidarjetà u jiġi promoss l-impjieġ sostenibbli fl-Unjoni billi tiġi offruta l-assistenza f'każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar mhux mistennija, b'mod partikolari dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet tal-kummerċ globali, tilwim kummerċjali, bidliet importanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE jew il-kompożizzjoni tas-suq intern, kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-transizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju [jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni]. Il-FEG għandu b'hekk jappoġġa l-benefiċjarji biex jirritornaw kemm jista' jkun malajr għal impjieġ sostenibbli. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq miżuri li jgħinu lill-gruppi l-aktar żvantaġġati.

Artikolu 4

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

- (a) "ħaddiem spostat" tfisser ħaddiem li l-impjieġ tiegħu jintemm qabel iż-żmien minħabba l-ġhoti tas-sensja, jew li l-kuntratt tiegħu ma jiġġeddidx, minħabba raġunijiet ekonomiċi;
- (b) "persuna li taħdem għal rasha" tfisser persuna li impjegat anqas minn 10 ħaddiema;
- (c) "benefiċjarju" tfisser persuna li tipparteċipa f'miżuri kofinanzjati tal-FEG.
- (d) "irregolarità" tfisser kwalunkwe ksur tal-liġi applikabbli, li jirriżulta minn att jew omissjoni minn operatur ekonomiku involut fl-implimentazzjoni tal-FEG, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni billi jimposta nefqa mhux ġustifikata f'dak il-baġit.

Artikolu 5

Kriterji ta' intervent

1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għal miżuri mmirati lejn il-ħaddiema spostati u l-persuni li jaħdmu għal rashom f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għandha tiġi pprovduta meta waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfata:
 - (a) il-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 250 ħaddiem spostati jew persuna li jaħdmu għal rashom, matul perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, f'intrapriża fi Stat Membru, inkluż fejn dak il-waqfien japplika għall-fornituri jew il-produtturi downstream tagħha;
 - (b) il-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 250 ħaddiem spostati jew persuna li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur, partikolarment fl-SMEs, fejn kollha kemm huma joperaw fl-istess settur ekonomiku ddefinit fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jinsab f'reġjun wieħed jew żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 jew f'aktar minn żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2 dment li jkun hemm mill-inqas 250 ħaddiem jew persuna li jaħdmu għal rashom affettwati fi tnejn mir-reġjuni kkombinati;
 - (c) il-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 250 ħaddiem spostati jew persuna li jaħdmu għal rashom, fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, partikolarment fl-SMEs, li joperaw fl-istess setturi ekonomiċi jew f'setturi ekonomiċi differenti ddefiniti fil-livell tad-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu fl-istess reġjun iddefinit fil-livell NUTS 2.
3. Fi swieq tax-xogħol żgħar, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet li jinvolvu l-SMEs, fejn tkun debitament motivata mill-Istat Membru applikant, applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan l-Artikolu tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli anki jekk il-kriterji stipulati fil-paragrafu 2 ma jiġux issodisfati kompletament, meta s-sensji jkollhom impatt serju fuq l-impjiegi u l-ekonomija lokali jew reġjonali. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika liema mill-kriterji ta' intervent stabbiliti fil-paragrafu 2 ma jkunux issodisfati bis-sħiħ.

- 3a. (ġdid) F'ċirkostanzi eċċezzjonali, id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 3 għandhom japplikaw ukoll fi swieq tax-xogħol li mhumiex dawk żgħar. L-ammont aggregat tal-kontribuzzjonijiet f'dawn il-każijiet ma jistax jaqbeż il-15 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG.
4. Il-FEG ma jistax jiġi mmobilizzat meta impjegati tas-settur pubbliku jingħataw is-sensja bħala riżultat ta' tnaqqis baġitarju li jittieħed minn Stat Membru.

Artikolu 6

Kalkolu tal-ispostamenti u tal-waqfien ta' attività

1. L-Istat Membru applikant għandu jispeċifika l-metodu użat għall-kalkolu tan-numru ta' ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom iddefinit fl-Artikolu 4 għall-fini tal-Artikolu 5 kif ikun f'waħda jew aktar mid-dati li ġejjin:
- (a) id-data li fiha l-impjegatur, f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE ³⁰, jinnotifika bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti bis-sensji kollettivi pproġettati;
 - (b) id-data tan-notifika individwali tal-impjegatur ta' tkeċċija mix-xogħol jew ta' tmiem tal-kuntratt tax-xogħol tal-ħaddiem;
 - (c) id-data ta' meta jintemm de facto l-kuntratt tax-xogħol jew tal-iskadenza tiegħu;
 - (d) id-data ta' tmiem id-delega mal-impriża utenti; jew
 - (e) għal persuna li taħdem għal rasha, id-data tal-waqfien tal-attivitajiet kif iddeterminat skont il-liġi nazzjonali jew dispożizzjonijiet amministrattivi.

³⁰ Għandha tiġi verifikata/aġġornata r-referenza: *Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi* (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

Fil-każijiet imsemmija fil-punt (a), l-Istat Membru applikant għandu jipprovdi lill-Kummissjoni informazzjoni addizzjonali dwar in-numru reali ta' sensji li ngħataw skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, qabel ma titlesta l-valutazzjoni mill-Kummissjoni.

Artikolu 7

Benefiċjarji eliġibbli

L-Istat Membru applikant jista' jipprovdi pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati f'konformità mal-Artikolu 8 kofinanzjat mill-FEG lill-benefiċjarji eliġibbli, li jistgħu jinkludu:

- (a) ħaddiema spostati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet, ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 6, fil-perjodi ta' referenza previsti fl-Artikolu 5;
- (b) ħaddiema spostati u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet, ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 6, barra l-perjodu ta' referenza previst fl-Artikolu 5; jiġifieri 6 xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza u bejn it-tmiem tal-perjodu ta' referenza u l-aħħar jum qabel id-data meta titlesta l-valutazzjoni mill-Kummissjoni.

Il-ħaddiema u l-persuni li jaħdmu għal rashom imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu eliġibbli dment li tkun tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li jkun skatta s-sensji waqt il-perjodu ta' referenza.

Artikolu 8

Miżuri eliġibbli

1. Tista' tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jagħmlu parti minn pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, imfassla biex jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-benefiċjarji speċifikati u, b'mod partikolari, dawk l-aktar żvantaġġati fost il-ħaddiema spostati, f'impjieg jew f'impjieg indipendenti.

Id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali hija element orizzontali rrakkomandat bil-qawwa ta' kwalunkwe pakkett ta' servizzi personalizzati offruti. Il-livell ta' taħriġ għandu jiġi adattat għall-kwalifiki u l-ħtiġijiet tal-benefiċjarju rispettiv.

Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jista' partikolarment jinkludi:

- (a) taħriġ u taħriġ mill-ġdid imfasslin apposta, inkluż f'ħiliet ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u f'ħiliet oħrajn meħtieġa fl-era diġitali, iċ-ċertifikazzjoni ta' għarfien u kompetenzi miksuba, assistenza għat-tfittix ta' impjieg, gwida okkupazzjonali, servizzi konsultattivi, mentoraġġ, assistenza għar-rikollokazzjoni, il-promozzjoni tal-intraprenditorija, assistenza għal impjieg indipendenti, għall-ftuħ ta' negozji u ta' teħid ta' kontroll mill-impjegati, u attivitajiet ta' kooperazzjoni;
- (b) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien, bħal allowances għat-tfittix ta' impjieg, inċentivi għar-reklutaġġ tal-impjegaturi, allowances għall-mobbiltà, allowances għat-taħriġ allowances għas-sussistenza, u allowances għall-persuni li jindukraw.

L-ispejjeż tal-miżuri msemmija fil-punt (b) ma għandhomx jaqbu l-35 % tal-ispejjeż totali għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati elenkati f'dan il-paragrafu.

L-investimenti għal impjieg indipendenti, il-bidu ta' negozju jew it-teħid ta' kontroll mill-impjegati ma għandhomx jaqbu EUR 20 000 għal kull benefiċjarju.

It-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għandu jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa. Il-pakkett ikkoordinat għandu jkun kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli, u għandu jiffoka wkoll fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u jqis id-domanda fis-suq tax-xogħol lokali.

2. Il-miżuri li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG:

(a) miżuri speċjali b'limitu ta' żmien imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, li mhumiex kondizzjonali fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji speċifikati f'attivitajiet ta' tfittxija tax-xogħol jew ta' taħriġ;

(b) miżuri li huma r-responsabbiltà ta' intrapriżi skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.

Il-miżuri appoġġati mill-FEG ma għandhomx jissostitwixxu miżuri passivi tal-protezzjoni soċjali.

3. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi għandu jiffassal f'konsultazzjoni mal-benefiċjarji speċifikati jew mar-rappreżentanti tagħhom, jew mas-sħab soċjali.

4. Fuq inizjattiva tal-Istat Membru applikant, tista' ssir kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għall-attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.

Artikolu 9

Applikazzjonijiet

1. L-Istat Membru applikant għandu jissottometti applikazzjoni lill-Kummissjoni fi żmien 12-il ġimgħa mid-data meta jkunu ġew issodisfati l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(2) jew (3).

2. Fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, jew, fejn applikabbli, mid-data li fiha l-Kummissjoni jkollha fidejha t-traduzzjoni tal-applikazzjoni, tkun liema tkun l-aħħar waħda li tasal, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li teħtieġ sabiex tivvaluta l-applikazzjoni.

3. Fejn tinħtieġ informazzjoni addizzjonali mill-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jwieġeb fi żmien 15-il jum ta' xogħol mid-data tat-talba. Dik l-iskadenza għandha tiġi estiża mill-Kummissjoni b'10 ijiem ta' xogħol, fuq talba debitament ġustifikata tal-Istat Membru kkonċernat.

4. Abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tlesti l-valutazzjoni ta'għha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kondizzjonijiet rekwiżiti biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja, fi żmien 50 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni kompluta jew, fejn applikabbli, it-traduzzjoni tal-applikazzjoni. Fejn il-Kummissjoni ma tkunx tista', eċċezzjonalment, tikkonforma dik l-iskadenza, għandha ta'għti spjegazzjoni bil-miktub fejn ta'għti r-raġunijiet tad-dewmien.
5. Applikazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:
- (a) valutazzjoni tan-numru ta' sensji f'konformità mal-Artikolu 6, inkluż il-metodu ta' kalkolu;
 - (b) il-konferma li, fejn l-intrapriża li tat is-sensji kompliet għaddejja bl-attivitajiet ta'għha wara li tkun tat is-sensji, hija tkun konformi mal-obbligi ġuridiċi ta'għha li jirregolaw is-sensjar;
 - (c) deskrizzjoni qasira tal-avvenimenti li wasslu għall-ispostament tal-ħaddiema;
 - (d) l-identifikazzjoni, fejn applikabbli, tal-intrapriżi li taw is-sensji, il-fornituri jew il-produtturi downstream, is-setturi, u l-kategoriji ta' benefiċjarji speċifikati mqassma skont is-sess, il-grupp ta' età u kull meta possibbli l-livell ta' edukazzjoni;
 - (e) l-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali;
 - (f) deskrizzjoni dettaljata tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati u n-nefqa relatata, inkluż, b'mod partikolari, kwalunkwe miżura li tappoġġa inizjattivi ta' impjiegi għall-benefiċjarji żvantaġġati, ta' età akbar u zgħażaġh;

- (g) spjegazzjoni dwar kemm ittieħed kont tar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar, u kif il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa l-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi oħrajn nazzjonali jew tal-Unjoni, inkluż informazzjoni dwar miżuri li huma obligatorji għall-intrapriżi li taw is-sensji kkonċernati skont il-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi;
- (h) il-baġit stmat għal kull wieħed mill-komponenti tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jappoġġaw il-benefiċjarji speċifikati u għal kwalunkwe attività ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar;
- (i) [...]
- (j) id-dati li fihom inbdew jew għad iridu jinbdew is-servizzi personalizzati għall-benefiċjarji speċifikati u l-attivitajiet biex jiġi implimentat il-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 8;
- (k) il-proċeduri li ttieħdu biex jiġu kkonsultati l-benefiċjarji speċifikati jew ir-rappreżentanti tagħhom jew is-sħab soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra kif applikabbli;
- (l) stqarrija ta' konformità tal-appoġġ mitlub mill-FEG bir-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat kif ukoll stqarrija li tiddekrivi r-raġuni għaliex il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati ma jiġux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
- (m) is-sorsi ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali u kofinanzjament ieħor jekk applikabbli.

Artikolu 10

Komplementarjetà, konformità u koordinazzjoni

1. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma għandhiex tiegħu post miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi.
2. L-appoġġ għall-benefiċjarji speċifikati għandu jikkomplementa l-miżuri tal-Istati Membri fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali inkluż dawk kofinanzjati mill-fondi tal-Unjoni, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar.
3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG għandha tkun limitata għal dak li huwa neċessarju biex tippovdi appoġġ ta' darba, b'mod temporanju, għall-benefiċjarji speċifikati. Il-miżuri appoġġati mill-FEG għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali, inkluż ir-regoli dwar għajjnuna mill-Istat.
4. F'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, il-Kummissjoni u l-Istat Membru applikant għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni tal-assistenza mill-fondi tal-Unjoni.
5. L-Istat Membru applikant għandu jiżgura li l-miżuri speċifiċi li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni.

Artikolu 11

Ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u n-nondiskriminazzjoni

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi jkunu parti integrali mill-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG u jiġu promossi matulha.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa kollha biex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq sess, identità sesswali, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali fl-aċċess għall-FEG u matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja.

Artikolu 12

Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni

1. Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, perċentwal ta' mhux aktar minn 0.5 % tal-limitu massimu annwali tal-FEG jista' jintuża għall-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tiegħu, bħal attivitajiet ta' ttejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u evalwazzjoni, inkluż sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jsaħħu l-viżibbiltà tal-FEG bħala fond jew fir-rigward ta' proġetti speċifiċi u miżuri amministrattivi oħrajn u ta' assistenza teknika. Tali miżuri jistgħu jkopru perjodi ta' programmar futuri u preċedenti.
2. Soġġett għal-limitu massimu stabbilit fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tissottometti talba għal trasferiment tal-appropriazzjonijiet għall-assistenza teknika għal-linji baġitarji rilevanti f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.
3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-assistenza teknika fuq inizjattiva tagħha stess taħt ġestjoni diretta jew indiretta f'konformità mal-[punti (a) u (c) tal-Artikolu 62(1)] tar-Regolament Finanzjarju.
4. L-assistenza teknika tal-Kummissjoni għandha tinkludi l-ġhoti ta' informazzjoni u gwida għall-Istati Membri għall-użu, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-FEG. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi wkoll informazzjoni flimkien ma' gwida ċara dwar l-użu tal-FEG lis-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. Il-miżuri ta' gwida jistgħu jinkludu wkoll il-ħolqien ta' task forces f'każijiet ta' taqlib ekonomiku sever fi Stat Membru.

Artikolu 13

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni billi jipprovdu informazzjoni koerenti, effettiva u mmirata lil udjenzi multipli, inkluż informazzjoni mmirata lejn il-benefiċjarji, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, il-media u l-pubbliku.

L-Istati Membri għandhom jużaw l-emblema tal-UE f'konformità mal-[Anness VIII tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni] flimkien ma' dikjarazzjoni sempliċi tal-finanzjament ("finanzjat/kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea").

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm preżenza online u taġġornaha regolarment, li tkun aċċessibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar il-FEG, gwida dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet aċċettati u miċħuda u dwar ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-proċedura baġitarja.
3. Il-Kummissjoni għandha timplimenta attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar il-każijiet tal-FEG u r-riżultati taġġhom abbażi ta' esperjenzi bil-għan li ttejjeb l-effettività tal-FEG u tiżgura li ċ-ċittadini u l-ħaddiema tal-Unjoni jkunu jafu bil-FEG.
4. Ir-riżorsi allokatu għall-azzjonijiet ta' komunikazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll biex tiġi koperta l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni dment li jkunu relatati mal-għanijiet ġenerali msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 14

Determinazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja

1. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 9 u b'mod partikolari filwaqt li jittieħed kont tan-numru ta' beneficijarji speċifikati, il-miżuri proposti u l-istima tal-ispejjeż, tevalwa u tipproponi kemm jista' jkun malajr l-ammont ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, jekk ikun hemm, li jista' jsir fil-limiti tar-riżorsi disponibbli.
2. Ir-rata ta' kofinanzjament tal-FEG għall-miżuri offruti għandha tkun allinjata mal-ogħla rata ta' kofinanzjament tal-FSE+ fl-Istat Membru rispettiv [kif previst fl-Artikolu 106(3) (a)(b)(c) tar-Regolament dwar id-Dispozzjonijiet Komuni]³¹, jew għandha tkun 60 %, skont liema tkun l-ogħla.
3. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kondizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament ikunu ġew issodisfati, hija għandha tagħti bidu minnufih għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16.
4. Fejn, abbażi tal-valutazzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 9, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kondizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja ma jkunux ġew issodisfati taħt dan ir-Regolament, hija għandha tinnotifika minnufih lill-Istat Membru applikant.

Artikolu 15

Perjodu ta' eliġibbiltà

1. In-nefqa għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mid-dati stabbiliti fl-applikazzjoni skont il-punt (j) tal-Artikolu 9(5) li fihom l-Istat Membru kkonċernat jibda, jew huwa mistenni li jibda, jipprovdi s-servizzi personalizzati għall-benefiċjarji speċifikati jew iġarrab in-nefqa amministrattiva biex jiġi implimentat il-FEG, f'konformità mal-Artikolu 8 (1) u (4).

³¹ Għandha tiġi aġġornata r-referenza.

2. L-Istat Membru għandu jwettaq il-miżuri eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 8 kemm jista' jkun malajr, u mhux aktar tard minn 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja.
3. Il-perjodu ta' implimentazzjoni huwa l-perjodu mid-dati stabbiliti fl-applikazzjoni skont il-punt (j) tal-Artikolu 9(5) li fih l-Istat Membru kkonċernat jibda s-servizzi personalizzati għall-benefiċjarji speċifikati u l-attivitajiet biex jiġi implimentat il-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 8, u jintemm 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 16(3).
4. Fejn benefiċjarju jkollu aċċess għal kors edukattiv jew ta' taħriġ li jidm sentejn jew aktar, in-nefqa għal tali kors għandha tkun eliġibbli għall-kofinanzjament tal-FEG sad-data meta jkun mistenni li jidm ir-rapport finali msemmi fl-Artikolu 20(1), dment li n-nefqa rilevanti tkun iġġarrbet qabel dik id-data.
5. In-nefqa skont l-Artikolu 8(4) għandha tkun eliġibbli sad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport finali f'konformità mal-Artikolu 20(1).

Artikolu 16

Proċedura baġitarja u implimentazzjoni

1. Fejn il-Kummissjoni tkun ikkonkludiet li jkun ġew issodisfati l-kondizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, għandha tissottometti talba għal trasferiment lejn il-linji baġitarji rilevanti f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.
2. It-talba ta' trasferiment jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn sommarju tal-eżaminazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikazzjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Din id-deċiżjoni għandha tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament fit-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 17

Pagament u użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja

1. Wara d-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 16(3), il-Kummissjoni għandha tħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istat Membru kkonċernat f'pagament uniku ta' prefinanzjament ta' 100 %, fil-prinċipju fi żmien 15-il ġurnata ta' xogħol. Il-prefinanzjament għandu jiġi approvat ladarba l-Istat Membru jissottometti d-dikjarazzjoni ċertifikata tan-nefqa f'konformità mal-Artikolu 20(1). L-ammont li ma jintefaqx għandu jiġi rimborżat lill-Kummissjoni.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi implimentata skont ġestjoni kondiviża f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju.
3. It-termini tekniċi dettaljati tal-finanzjament għandhom jiġu determinati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 16(3).
4. Meta jwettaq il-miżuri li jinsabu fil-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati, l-Istat Membru kkonċernat jista' jissottometti proposta lill-Kummissjoni sabiex jemenda l-azzjonijiet inklużi biż-żieda ta' miżuri eliġibbli oħrajn elenkati fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 8(1), dment li tali emendi jkunu debitament ġustifikati u ma jaqbx il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 16(3). Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-emendi proposti u, jekk taqbel magħhom, għandha temenda d-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja skont dan.
5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jkollu l-flessibbiltà li jalloka mill-ġdid l-ammonti bejn il-partiti tal-baġit stipulati fid-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 16(3). F'każ li riallokazzjoni taqbeż iż-żieda ta' 20 % għal partita waħda jew aktar mill-partiti speċifikati, l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni minn qabel.

Artikolu 18

Użu tal-euro

L-applikazzjonijiet, id-deċiżjonijiet dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u r-rapporti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament, kif ukoll kwalunkwe dokument relatat ieħor, għandu jesprimi l-ammonti kollha f'euro.

Artikolu 19

Indikaturi

1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 huma stabbiliti fl-Anness. Data personali li tirrelata ma' dawn l-indikaturi tinġabar abbażi ta' dan ir-Regolament u għall-finijiet uniċi stabbiliti fih. Għandha tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).
2. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq l-Istati Membri.

Artikolu 20

Rapport finali u għeluq

1. Sa mhux aktar tard minn tmiem is-seba' xahar wara li jiskadi l-perjodu speċifikat fl-Artikolu 15(3), l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta rapport finali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja, inkluż informazzjoni dwar:

- (a) it-tip ta' miżuri u r-riżultati prinċipali, li jispjegaw l-isfidi, it-tagħlimiet meħuda, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet ma' fondi oħra tal-UE u li tindika, kulfejn possibbli, il-komplementarjetà tal-miżuri ma' dawk iffinanzjati minn programmi oħra nazzjonali jew tal-Unjoni skont il-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar;
- (b) l-ismijiet tal-korpi li jwettqu l-pakkett ta' miżuri fl-Istat Membru;
- (c) l-indikaturi stipulati fl-Anness, il-punti (1) u (2);
- (d) [...]
- (e) jekk l-impriża li tat is-sensji, bl-eċċezzjoni ta' mikrointrapriżi u SMEs, kienet benefiċjarja ta' għajjnuna mill-Istat jew ta' finanzjament preċedenti mill-fondi ta' koeżjoni jew strutturali tal-Unjoni fil-ħames snin ta' qabel;
- (f) dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa.

2. Sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara li l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni kollha meħtieġa f'konformità mal-paragrafu 1, għandha tagħlaq il-kontribuzzjoni finanzjarja billi tiddetermina l-ammont finali tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG u, jekk ikun hemm, il-bilanċ li għandu jitħallas mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 24.

Artikolu 21

Rapport biennali

1. Sal-1 ta' Awwissu 2021 u kull sentejn minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport komprensiv, kwantitattiv u kwalitattiv dwar l-attivitajiet taħt dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 li saru fis-sentejn ta'qabel. Ir-rapport għandu jiffoka prinċipalment fuq ir-riżultati miksuba mill-FEG u b'mod partikolari għandu jkun fih informazzjoni relatata mal-applikazzjonijiet sottomessi, id-deċizzjonijiet adottati, il-miżuri ffinanzjati, inkluż l-istatistika dwar l-indikaturi stabbiliti fl-Anness, u l-komplementarjetà ta' tali miżuri ma' miżuri ffinanzjati minn fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-FSE+, u informazzjoni relatata mal-għeluq tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jkunu saru u għandu jiddokumenta wkoll dawk l-applikazzjonijiet li jkunu ġew irrifjutati jew imnaqqsa minħabba nuqqas ta' approprjazzjonijiet suffiċjenti jew in-nuqqas ta' eliġibbiltà.
2. Ir-rapport għandu jiġi trasmess għall-informazzjoni lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lis-sħab soċjali.

Artikolu 22

Evalwazzjoni

1. Fuq l-inizjattiva tagħha stess u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq:
 - a) sat-30 ta' Ġunju 2025, evalwazzjoni ta' nofs it-terminu;
 - b) sal-31 ta' Diċembru 2029, evalwazzjoni retrospettiva.
2. Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu trażmessi, għall-informazzjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lis-sħab soċjali. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet għandu jittieħed kont tagħhom għat-tfassil ta' programmi ġodda fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali jew l-iżvilupp ulterjuri ta' programmi eżistenti.

3. L-evalwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu statistika rilevanti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji, imqassma skont l-Istat Membru.

Artikolu 23

Ġestjoni u kontroll finanzjarju

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-Kummissjoni biex timplimenta l-baġit ġenerali tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jassumu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-miżuri appoġġati mill-FEG u l-kontroll finanzjarju tal-miżuri. Il-passi li jieħdu għandhom jinkludu:
- (a) il-verifika li ġew stabbiliti l-ftehimiet tal-ġestjoni u l-kontroll u li qed jiġu implimentati b'tali mod li jiżguraw li l-fondi tal-Unjoni qed jintużaw b'mod effiċjenti u korrett, f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
 - (b) l-iżgurar li t-twassil tad-data tal-monitoraġġ huwa rekwiżit obligatorju f'kuntratti mal-korpi li jwettqu l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati;
 - (c) il-verifika li l-miżuri ffinanzjati twettqu kif xieraq;
 - (d) l-iżgurar li l-infiq iffinanzjat ikun ibbażat fuq dokumenti ta' ġustifikazzjoni verifikabbli, u jkun legali u regolari;
 - (e) il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet inkluż il-frodi u l-irkupru ta' ammonti li tħallsu mingħajr ma kienu dovuti flimkien mal-interessi fuq pagamenti tard fejn xieraq. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-irregolaritajiet, inkluż il-frodi lill-Kummissjoni.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu [63(3)?] tar-Regolament Finanzjarju, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-korpi responsabbli mill-ġestjoni u l-kontroll tal-miżuri appoġġati mill-FEG. Dawk il-korpi għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 63(5), (6) u (7) ?] tar-Regolament Finanzjarju dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja meta jissottomettu r-rapport finali msemmi fl-Artikolu 20(1) ta' dan ir-Regolament.

Fejn l-awtoritajiet maħtura f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1309/2013 jkunu pprovdew biżżejjed garanziji li l-pagamenti huma legali u regolari, u kkontabilizzati kif xieraq, l-Istat Membru kkonċernat jista' jinnotifika lill-Kummissjoni li dawn l-awtoritajiet huma kkonfermati skont dan ir-Regolament. F'dan il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika liema awtoritajiet huma kkonfermati u li l-funzjoni tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa fejn tkun aċċertata irregolarità. Il-korrezzjonijiet magħmula mill-Istati Membri għandhom jikkonsistu fit-tfassir ta' parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja jew tal-kontribuzzjoni finanzjarja kollha. L-Istati Membri għandhom jirkupraw kwalunkwe ammont li tħallas indebitament bħala riżultat ta' irregolarità misjuba, iħallsuh lura lill-Kummissjoni u, fejn l-ammont ma jitħallasx lura mill-Istat Membru rilevanti fil-ħin permess, għandu jkun dovut l-imgħax ta' inadempjenza.
4. Il-Kummissjoni, fir-responsabbiltà tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, għandha tiegħu l-passi kollha meħtieġa biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru applikant biex jiżgura li għandu sistemi ta' maniġment u ta' kontroll li qed jiffunzjonaw tajjeb. Il-Kummissjoni għandha tivverifika hija stess li jinsabu fis-seħħ tali sistemi.

Għal dak il-għan, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Qorti tal-Awdituri jew il-verifiki mwettqa mill-Istat Membru f'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, l-uffiċjali jew l-impjegati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifiki fil-post, inkluż verifiki rappreżentattivi, dwar il-miżuri ffinanzjati mill-FEG b'avviż li jintbagħat fiż-żmien minimu ta' 12-il jum ta' xogħol. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru applikant bil-ħsieb li tinkiseb l-assistenza kollha meħtieġa. Uffiċjali jew impjegati tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem ftali verifiki.

5. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25 biex tissupplimenta l-paragrafu 1(e) billi tistabbilixxi il-kriterji għad-determinazzjoni tal-każijiet ta' irregolarità li għandhom jiġu rrapportati u d-data li għandha tiġi pprovduta.
6. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format li għandu jintuża għar-rappurtar tal-irregolaritajiet f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 26(2) sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.
7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dokumenti ta' ġustifikazzjoni dwar in-nefqa miġruba jinżammu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri għal perjodu ta' tliet snin wara l-għeluq ta' kontribuzzjoni finanzjarja riċevuta mill-FEG.

Artikolu 24

Irkupru tal-kontribuzzjoni finanzjarja

1. F'każijiet fejn in-nefqa reali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tkun inqas mill-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja skont l-Artikolu 16, il-Kummissjoni għandha tirkupra l-ammont korrispondenti wara li tkun tat lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu.

2. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru jkun naqas milli jikkonforma mal-obbligi dikjarati fid-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja jew ma jkunx konformi mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 23(1), hija għandha tagħti lill-Istat Membru kkonċernat il-possibbiltà li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu. Jekk ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni biex tagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa billi tikkonċerna l-kontribuzzjoni kollha tal-FEG għall-miżura inkwistjoni jew parti minnha. Dik id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien 12-il xahar wara li jkunu waslu l-osservazzjonijiet tal-Istat Membru. L-Istat Membru kkonċernat għandu jirkupra kwalunkwe ammont li tħallas indebitament bħala riżultat ta' irregolarità u, fejn l-ammont ma jitħallasx lura mill-Istat Membru applikant fil-ħin permess, għandu jkun dovut l-imgħax ta' inadempjenza.

Artikolu 25

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adożżjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 23(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2027.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 23(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Mal-adożżjoni tagħha ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 23(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu t-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 26

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 27

Dispożizzjoni tranżitorja

Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 għandu jibqa' japplika għall-applikazzjonijiet sottomessi sal-31 ta' Diċembru 2020. Dan għandu japplika sal-għeluq tal-każijiet rispettivi. L-Artikolu 20 (1) (b) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013 għandu japplika sakemm tkun saret l-evalwazzjoni ex post.

Artikolu 28

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika għall-applikazzjonijiet ippreżentati bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2027. L-Artikolu 22 (1) (b) ta' dan ir-Regolament għandu japplika sakemm tkun saret l-evalwazzjoni ex post retrospettiva.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

Indikaturi komuni tal-output u tar-riżultati għall-applikazzjonijiet tal-FEG

Id-data personali³² kollha għandha titqassam skont is-sess (mara, raġel, mhux binajru³³).

(1) Indikaturi komuni tal-output dwar il-benefiċjarji

- persuni qiegħda*,
- persuni inattivi*,
- persuni impjegati*,
- persuni li jaħdmu għal rashom*,
- persuni iżgħar minn 30 sena*,
- persuni akbar minn 54 sena*,
- persuni b'edukazzjoni sekondarja baxxa jew inqas (ISCED 0-2)*,
- persuni b'edukazzjoni sekondarja għolja (ISCED 3) jew b'edukazzjoni postsekondarja (ISCED 4)*,
- persuni b'edukazzjoni terzjarja (ISCED 5-8)*.

³² L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jistabbilixxu sistema li tirreġistra u taħżen id-data tal-partiċipanti individwali f'forma kompjuterizzata. L-arranġamenti tal-ipproċessar tad-data implimentati mill-Istati Membri għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.05.2016, p. 1), b'mod partikolari l-Artikoli 4, 6 u 9 tiegħu. Id-data rrapportata bl-indikaturi mmarkati b'asterisk * hija data personali skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. L-ipproċessar tagħha huwa meħtieġ għall-konformità mal-obbligu legali li għalih huwa soġġett il-kontrollur (l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679).

³³ Skont il-leġislazzjoni nazzjonali.

It-total ta' benefiċjarji għandu jiġi kkalkulat awtomatikament abbażi tal-indikaturi komuni tal-output relatati mal-istatus tal-impjeg³⁴.

Din id-data dwar il-benefiċjarji li jipparteċipaw f'miżuri kofinanzjati mill-FEG ser tiġi pprovduta fir-rapport finali kif speċifikat fl-Artikolu 20(1).

(2) Indikaturi komuni tar-riżultat dwar il-benefiċjarji

- il-perċentwal tal-benefiċjarji tal-FEG fl-impjeg u li jaħdmu għal rashom, 6 xhur wara tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni*,

Din id-data għandha tiġi pprovduta fir-rapport finali kif speċifikat fl-Artikolu 20(1). Din id-data għandha tkopri t-total ikkalkulat tal-benefiċjarji kif irrapportat skont l-indikaturi komuni tal-output (1). Il-perċentwali b'hekk għandhom jirrelataw ukoll ma' dan it-total ikkalkulat.

³⁴ Persuni qiegħda, inattivi, impjegati, li jaħdmu għal rashom